

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2015/612

tal-20 ta' April 2015

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 314/2004 dwar ċertu miżuri restrittivi fir-rigward taż-  
Żimbabwe

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-miżuri tal-Unjoni li jimplementaw id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK <sup>(1)</sup>, inkluż l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta' ċertu persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi, huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 <sup>(2)</sup>.
- (2) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 jelenka l-persuni u l-entitajiet li jibbenefikaw minn sospensjoni tal-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi taħt dak ir-Regolament.
- (3) Fid-19 ta' Frar 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/277 <sup>(3)</sup> li permezz tagħha neħħa l-ismijiet ta' ħames persuni deċeduti mill-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK.
- (4) Dik il-miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk tinħtieġ azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex tiddaħħal fis-seħħ, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.
- (5) Fid-19 ta' Frar 2015, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/275 <sup>(4)</sup> neħħa l-ismijiet tal-ħames persuni deċeduti mill-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 314/2004.
- (6) L-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK tal-15 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe (ĠU L 42, 16.2.2011, p. 6).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 tad-19 ta' Frar 2004 dwar ċertu miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe (ĠU L 55, 24.2.2004, p. 1).

<sup>(3)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2011/277 tad-19 ta' Frar 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe (ĠU L 47, 20.2.2015, p. 20).

<sup>(4)</sup> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/275 tad-19 ta' Frar 2015 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 dwar ċertu miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe (ĠU L 47, 20.2.2015, p. 15).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussembrugu, l-20 ta' April 2015.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
F. MOGHERINI

---

*ANNEX*

Fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 314/2004, l-ismijiet tal-persuni fiżiċi li ġejjin jitneħħew mit-taqsimha "I. Persuni":

## I. Persuni

	Isem (u psewdonomi possibbli)
	Chindori-Chininga, Edward Takaruza
	Karakadzai, Mike Tichafa
	Sakupwanya, Stanley Urayayi
	Sekeremayi, Lovemore
	Shamuyarira, Nathan Marwirakuwa